**– VERBAL: "AN AGREED FACT" –**
**– OBBLIGAZZJONI VOLONTARJA UNILATERALI / PROMESSA UNILATERALI–**
**– KUNTRATT UNILATERALI: ART. 961(2) KODICI CIVILI –**
**– AMMISSJONI TAD-DEBITU –**
**– PAGAMENTI AKKONT MID-DEBITUR FIL-MORI TAL-KAWZA –**
**– DECIZJONI "SECUNDUM ACTA ET PROBATA" –**
**– FIN-NUQQAS TA' FTEHIM, DEBITUR MA JAGHZILX MODALITÀ TAR-RIFUZJONI TAL-HLAS –**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 6 ta' Gunju, 2018**

Avviz tat-Talba numru: **304 / 2016**

**NATASHA GRECH**
[K.I. NRU. 392590M]

***VERSUS***

**MARLON VELLA**
[K.I. NRU. 120490M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-2 ta' Awwissu, 2016 mill-attrici li permezz tieghu talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000.00c) li jirrispekkja "*bilanc min somma akbar ta' flus li l-attrici kienet tat b'titolu ta' self brevi manu lill-konvenut biex dan ta' l-ahhar ihallas dejn li kellu fuq akkwist ta' vettura tal-ghamla Toyota Corolla numru ta' registrazzjoni EBP-586*" (*a fol*. 3). L-attrici talbet ukoll l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji odjerni, kif ukoll l-imghaxxijiet legali.

Ra r-Risposta tal-konvenut datata 5 ta' Mejju, 2017 fejn eccepixxa illi (a) it-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt; (b) li kien intlahaq ftehim verbali bejn il-partijiet fejn il-konvenut kellu jhallas lill-attrici b'rati mensili ta' €200.00c; (c) li fis-16 ta' Settembru, 2016 il-konvenut kien iffirma 'letter of undertaking' permezz ta' liem huwa kien obbliga ruhu li jhallas il-bilanc in kwistjoni b'rati mensili ta' €200.00c; (d) li l-originali ta' l-imsemmija 'letter of undertaking' inghatat lill-avukat patrocinanti l-attrici (*vide a tergo* ta' *fol*. 17).

Fil-mori tal-proceduri l-attrici irriduciet it-talba pekunjarja taghha ghall-ammont ta' elf u seba' mitt ewro (€1,700.00c) u dan permezz ta' nota ta' riduzzjoni (*a fol*. 28).[1] Fid-dawl ta' l-imsemmija nota – illi minn €3,000.00c il-kontestazzjoni giet ridotta u limitata ghac-cifra ta' €1,700.00c – il-konvenut ikkontesta li l-ammont bilancjali minnu dovut kien ta' €1,700.00c peress li, fil-fehma tieghu, hu kien lahaq hallas pagamenti akkont aktar minn dak konfessat mill-attrici u, allura, l-ammont bilancjali dovut kien anqas minn €1,700.00c.[2]

Wara li l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa, fl-udjenza tal-11 ta' April, 2018 id-difensuri gharrfu lit-Tribunal li l-istess seta' jghaddi ghas-sentenza bla htiega ta' sottomissjonijiet da parti taghhom (*a fol*. 31). Dakinhar il-procediment thalla ghas-sentenza ghall-udjenza tal-llum.

It-Tribunal ezamina l-provi dokumentarji mressqa u ra l-atti kollha tal-proceduri;

It-Tribunal jikkunsidra;

Il-prezenti azzjoni titratta r-rifuzjoni ta' somma ta' flus originarjament fl-ammont ta' €3,000.00c rikjest mill-attrici minghand l-konvenut. Mill-premessi attrici jidher li l-ghoti ta' l-imsemmija cifra kien self *brevi manu* biex il-konvenut ikun f'qaghda jakkwista vettura jew biex ihallas id-dejn li dan kellu fuq l-istess vettura.

---

[1] Fl-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2018 kien gie, *inter alia*, registrat hekk: "*Dr. Raphael Fenech Adami qed jipprezenta nota ta' riduzzjoni u jiddikjara illi l-kontestazzjoni da parti tal-Attrici llum il-gurnata hija ghall-ammont ta' EUR1700.*" (*a fol*. 27).

[2] Fl-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2018 kien gie, *inter alia*, registrat hekk: "*Dr. Helen Caruana ghall-Konvenut tirrileva illi skont il-patrocinat taghha hu ghamel pagamenti ulterjuri u li ghaldaqstant ma taqbilx illi l-Attrici ghandha tithallas l-ammont bilancjali ta' EUR1700 izda ammont inferjuri ghal dan*." (*a fol*. 27).

Ghalkemm jikkontendi li l-pretensjoni attrici hi infondata fid-dritt u fil-fatt, fil-verità, kontestazzjoni da parti tal-konvenut ma hemmx. Mill-eccezzjonijiet misjuba fir-Risposta tieghu, johrog implicitu li l-konvenut qed jaderixxi mal-pretensjoni generali attrici (ossia li hu kien u ghadu debitur taghha) u anke jirrikonoxxi l-kwantità ta' flejjes minnu mitluba originarjament stante li l-ammont ta' €3,000.00c ma giex kwerelat ghal dak li jikkoncerna kwantità u konsistenza monetarja. Dak li jikkontesta l-konvenut hija l-modalità tal-hlas tac-cifra menzjonata lill-attrici. F'dan is-sens il-konvenut, kif misjub fl-imsemmija eccezzjonijiet tieghu, jikkontendi li kien hemm ftehim verbali raggjunt bejn il-partijiet illi jhallas l-ammont dovut f'rati mensili ta' €200.00c il-wiehed.

Kontestazzjoni ulterjuri tal-konvenut giet sollevata fil-mori tal-procediment wara li l-attrici kienet iddikjarat illi l-ammont minnha reklamat kellu jigi ridott ghal €1,700.00c u dan ghax il-konvenut kien lahaq hallasha €1,300.00c. Skond l-istess konvenut hu kien hallas lill-attrici aktar minn €1,300.00c u, ghalhekk, l-ammont bilancjali minnu dovut kien inferjuri ghal €1,700.00c.

Ghalhekk, il-kontiza prezenti tibbaza ruhha fuq zewg aspetti. Fl-ewwel lok ghandu jigi stabbilit kemm hu fir-realtà l-ammont dovut mill-konvenut lill-attrici, ossia €1,700.00c kif tikkontendi l-attrici jew ammont iehor inferjuri ghal €1,700.00c kif jallega l-konvenut? Fit-tieni lok, jekk kienx hemm il-qbil bejn il-kontendenti li d-dejn tal-konvenut jigi saldat lill-attrici bil-modalità ta' pagamenti fix-xahar fl-ammont ta' €200.00c kull wiehed sakemm jinqata' kompletament id-dejn.

Qabel ma jigu trattati tali aspetti, jokkorri qabel xejn tigi inkwadrata u stabbilita r-relazzjoni ta' attrici-kreditrici u konvenut-debitur li tghaddi bejn il-partijiet.

It-Tribunal jaghmel riferiment ghall-verbal ta' l-udjenza tad-19 ta' Settembru, 2017 illi jghid testwalment hekk: "*Id-difensur tal-Konvenut qed taqbel illi l-ammont mitlub mill-Attrici cioe' EUR3000.00* [3] *huwa dovut mill-Konvenut lill-istess Attrici u tgharraf lit-Tribunal illi minn Settembru, 2016, sad-data prezenti il-Konvenut wettaq hlasijiet akkont u ghad jifdal ammont bilancjali dovut lill-Attrici. Id-difensur tal-Konvenut, ghan-nom tal-istess, tirrileva illi l-Konvenut huwa dispost ikompli jhallas l-ammont bilancjali dovut lill-*

[3] Fix-xhieda tieghu tal-11 t'April, 2018, il-konvenut isemmi l-ammont originali ta' €4,000.00c. It-Tribunal jemmen li din kienet zvista peress li l-procediment dejjem tmexxa fuq ic-cifra originali ta' €3,000.00c (hekk kif rifless fl-att promotur) u kif ukoll ghax ma jaghmilx sens logiku li l-konvenut jgholli l-ammont originali stante li jkun ifisser – hekk kif ser jigi diskuss *infra* – li jkun tenut ihallas ammont bilancjali oghla lill-attrici.

*Attrici purché illi hu jwettaq pagamenti mensili ta' EUR200.00c hekk kif jirrizulta mill-eccezzjonijiet u ukoll mill-ittra ezebita illum.*"[4]

Ghat-Tribunal, dak li johrog minn tali verbal huwa "an agreed fact" u cioè dak li fid-duttrina hu spjegat bhala "*a fact that the parties to a proceeding have agreed is not, for the purposes of the proceeding, to be disputed. If the agreed fact is stated in a written agreement which has been admitted in evidence or, with the leave of the court, is stated by a party before the court with the agreement of all the other parties, two consequences flow – without the leave of the court, evidence is not required to prove it, and evidence may not be adduced to contradict or qualify it*." (*cfr*. **J. D. Heydon**, "Cross on Evidence", 8th Australian edition 2010; §3165, p.216). Dan japplika wkoll jekk certu dikjarazzjonijiet jwettaqhom il-konsulent legali tal-parti assistita.[5] Infatti, l-istess imsemmi awtur jikteb illi, "*Admissions made by agreement between the parties or made by counsel to the court are equally binding, since civil litigants are normally free to choose the issues which they wish to raise before the court*." (*ibid*.) Ghalhekk, dak registrat f'tali verbali ghandu jittiehed bhala fatt pruvat.

Apparti l-indoli ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u dak registrat fil-verbal hawn fuq citat, l-ittra tal-konvenut datata 16 ta' Settembru, 2016[6] ghandha sahha vinkolanti ta' obbligazzjoni, volontarjament u unilateralment assunta minn persuna (il-konvenut) fil-

---

[4] *vide a fol*. 21 ta' l-atti processwali.

[5] Jigi mfakkar illi l-avukat patrocinanti parti f'litigju hu parifikat ma' mandatarju specjali ta' dik l-istess parti. Fis-sentenza *in re* **Carmelo Farrugia v. Grezzju Farrugia et** (Appell Inferjuri, 16 ta' Marzu, 2005) inghad li, "*Huwa pacifiku illi l-avukat huwa, fis-sens ta' l-Artikolu 1862, Kodici Civili, mandatarju tal-klijent tieghu b'mandat specjali ghall-finijiet tal-kawza. Ara Vol. X pagna 301 u Vol. XIX P I p 129*." Tant dan huwa hekk illi kien hemm sitwazzjonijiet quddiem il-qrati taghna fejn zball procedurali tad-difensur legali kien influwixxa negattivament, u direttament, fuq l-interessi tal-klijent patrocinat. B'ezemplari ssir referenza ghad-decizjoni *in re* **Teresa Zammit pro et noe v. Ganni Zammit pro et noe** (Prim'Awla, 10 ta' Ottubru, 1950) fejn gie asserit illi, "*ghal dak li jirrigwrada kwistjonijiet legali u procedurali, kwalunkwe haga li l-avukat jaghmel, anki b'konjizzjoni jew impressjoni erronea, hu responsabbli ghaliha l-klijent tieghu*." Inoltre, fis-sentenza *in re* **Mary Sutch v. Felice Cini** (Prim'Awla, 8 ta' Frar, 1939) inghad hekk: "*Fid-dottrina, tant Franciza kemm Taljana, gie ritenut illi l-mandant quddiem it-terzi huwa responsabbli anki tal-fatt kolpuz tal-mandatarju. Tant jidher mill-insenjamenti tal-Laurent kemm ukoll minn dawk ta' Ricci. Il-Laurent jghid illi jista' jidher stramb illi l-mandant ghandu jkun responsabbli ghall-ommissjoni tal-mandatarju, ghaliex il-mandant ma tax certament il-poter lill-mandatarju li jonqos minn xi dover tieghu, u ghaliex in-nuqqas tal-mandatarju jikkostitwixxi ezorbitazzjoni mill-limiti tal-mandat. Imma dak l-awtur jispjega illi meta hemm fin-nofs l-interess tat-terz, allura jekk saret ommissjoni mill-parti tal-mandatarju, ma ghandux jigi danneggjat it-terz, imma l-mandant, li ta l-fiducja tieghu lill-mandatarju. Hekk f'dana il-kaz, jekk l-ommissjoni tad-difensur tat lok ghall-kontumacja allura t-terz (fil-kaz l-attrici) ma ghandux jsofri hsara fis-sens li jitlef il-vantaggi talvolta derivanti mill-kontumacja tal-konvenut billi jinghad illi l-ommissjoni tal-mandatarju ma ghandhiex tkun ta' dannu lill-mandant.......Illi per konsegwenza l-ommissjoni ta' l-avukat Dottor........ghandha tigi rigwardata daqs kieku kienet ommissjoni ta' l-istess konvenuta*."

[6] *vide a fol*. 24 ta' l-atti processwali.

konfront ta' persuna ohra (l-attrici). Generalment, kuntratt jitnissel mill-volontà ta' pluralità ta' kontraenti ghalih, izda l-ordinament Malti jirrikonoxxi wkoll l-istitut tal-kuntratt unilaterali, ossia dak li taht l-Art. 961(2) tal-Kodici Civili huwa definit hekk: "*Il-kuntratt huwa unilaterali meta persuna waħida jew iżjed jobbligaw ruħhom lejn persuna waħda jew iżjed, mingħajr ma jkun hemm ebda obbligazzjoni min-naħa ta' dawn tal-aħħar*." L-imsemmija ittra, apparti ffirmata mill-avukat tieghu, hi ukoll sottoskritta mill-konvenut u tali sottoskrizzjoni tissimbolizza l-paternità li l-konvenut ried jaghti lill-kontenut taghha. L-imsemmija ittra tghid, fost hwejjeg ohra, hekk: "*Permezz tal-prezenti Marlon Vella jobbliga ruhu illi, hekk kif maqbul mal-klijenta tieghek, huwa jaghmel pagamenti mensili ta' miejn ewro (€200) sakemm jithallas ghas-saldu l-ammont dovut. Din l-ittra qieghda tigi iffirmata mill-klijent in accettazzjoni tal-kontenut taghha*."[7]

Tali dikjarazzjoni tnissel rapport obbligatorju fil-persuna li emetta l-istess u, bhala tali, torbot lil min jaghmilha. Fid-duttrina nsibu rikonoxxjut illi l-kuntratti unilaterali "*ricorrono tutte le volte che la costituzione o la regolazione o l'estinzione di un rapporto giuridico patrimoniale non richieda l'accordo di tutte le parti del rapporto da costituire, regolare o estinguere, ma è prodotta dalla dichiarazione unilaterale di una o piú parti soltanto, di per sè sufficiente a costituire, regolare o estinguere un rapporto che investe anche altre parti*." (*cfr*. **Guido Alpa** u **Mario Bessone**, "I Contratti In Generale", UTET 1991; Vol: I, pp.369–370). Skond it-taghlim ta' l-imsemmija awturi Taljani, l-ittra tal-konvenut ghandha effikacja guridika ta' «atto unilaterale dichiarativo» u cioè "*di preesistenti rapporti già intervenuti fra le parti: tali sono la promessa di pagamento e la ricognizione del debito, che presuppongono un precedente rapporto obbligatorio fra promittente e promissario ed hanno la funzione, dichiarativa e non dispositiva, di farne presumere l'esistenza fino a prova contraria*" (**Alpa-Bessone**, *op. cit.*, p.370).

Ghal dak li jikkoncerna l-gurisprudenza tal-qrati taghna, l-weghdiet biex wiehed jaffettwa certi kuntratti determinanti minn dejjem gew rikonoxxuti u ghalkemm f'certi kazijiet m'hijiex possibbli l-ezekuzzjoni specifika taghhom, f'hafna ohrajn però dina l-ezekuzzjoni hi possibbli bhal ma huma promessa ta' lokazzjoni, promessa ta' transazzjoni u l-promessa ta' cessjoni ta' kreditu (*vide* decizjonijiet *in re* **Professur Dottor Isidoro Cassar v. Vittoria Zahra et**, Appell Civili, 25 ta' Novembru 1935; *in re* **Luigi Mari v. Kan. Dun Giuseppe Mari et**, riportata f'*Kollezz*. Vol. XXIX-II-1212; u *in re* **Saviour Fiteni et v. Louis Mazzitelli et**, Appell Inferjuri, 2 ta' Gunju, 2003). Fid-decizjoni *in re* **E. Grech Cristal Bath Ltd v. Grezzju Patiniott** (Prim'Awla, 20 ta' Marzu,

[7] *ibid*.

2003) inghad infatti illi: "*Ghalkemm hemm okkazjonijiet fejn weghda verbali tista' tkun vinkolanti, dan huwa hekk meta l-ligi ma tehtiegx li tali weghda tkun bil-miktub. Il-ligi trid li l-kuntratti ta' garanzija, transazzjoni jew kiri ta' immobbli ghal aktar minn sentejn, jkunu bil-kitba, izda ma tghid xejn dwar promessa biex jigu konkluzi dawn il-kuntratti, u, ghalhekk, il-Qrati taghha ddecidew li la darba l-ligi tinsisti fuq il-solennità tal-kitba fil-kuntest biss tal-att finali, il-promessa tista' ssir bi kwalunkwe mezz*."[8] F'dan il-kaz, m'hemm rikjest l-ebda formalità *ad validitatem* ghall-obbligazzjoni unilateralment assunta mill-konvenut u bhala tali ghandha valur obbligatorju u effikacja guridika.

Apparti dan, jirrizulta wkoll illi dwar din il-kwistjoni mill-ammont originalment mitlub (i.e., €3,000.00c), hemm ammont (il-konsistenza ta' liem ghad trid tigi diskussa u stabbilita) li diga' gie mhallsa mill-konvenut u li llum-il gurnata fadal pendenti certu ammont bilancjali. Tali hlas akkont ghandu jigi parifikat ma', u ekwivalenti ghal, ammissjoni tad-debitu originarjament dovut lill-attrici. Kif kodifikat fl-Art. 1147(1) tal-Kodici Civili, "*Kull ħlas jissoponi dejn*" u, allura, tali pagament (jew pagamenti) akkont imwettaq (jew inwettqa) mill-konvenut huwa, implicitament, manifestazzjoni ta' l-ammissjoni tad-dejn li hu kellu, u ghad ghandu, ma' l-attrici kreditrici. Tali pagament akkont mill-konvenut ikompli jaghti sahha vinkolatorja lill-promessa minnu maghmula fl-indikata ittra tieghu lill-attrici.

Dan kollu jwassal li t-Tribunal jikkwalifika lill-konvenut bhala debitur ta' l-attrici u, vice versa, l-attrici kreditrici tal-konvenut. Issa, id-domanda successiva naturali f'dan il-procediment hija din: kemm hu d-dejn li fil-prezenti l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici? Huwa elf u seba' mitt ewro (€1,700.00c) hekk kif tikkontendi l-attrici jew ghandu jkun ammont iehor inferjuri ghall-imsemmija cifra hekk kif isostni l-konvenut?

Naturalment, it-twegiba ghal tali kwezit ghandha necessarjament tohrog mill-provi li ressqu l-partijiet sabiex jindirizzaw dan l-aspett, peress li huma l-istess provi li ghandhom jaghtu sostanza u valur lill-pretensjonijiet ta' parti f'kawza u mhux il-meri allegazzjonijiet (*ex* Art. 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

---

[8] Ta' interess huwa li fil-Ligi Taljana, *ex* Art. 1987 tal-Kodici Civili Taljan, nsibu disposizzjoni li trrikonoxxi l-validità ta' wieghda mwettqa b'mod unilaterali. Tali disposizzjoni tghid hekk: "*La promessa unilaterale di una prestazione non produce effetti obbligatori fuori dei casi ammessi dalla legge.*" Il-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana (cass. Civ. nru. 1912 tal-15 ta' Lulju, 1964) spjegat illi, "*La promessa unilaterale di prestazione, in tanto ha rilevanza nel campo del diritto, in quanto possa essere inquadrata in uno specific schema giuridico nel settore delle obblihazioni.*" (*cfr*. "Codice Civile Annotato con la Giurisprudenza" ta' **Roberto Giovagnoli**, 2ª ed., Giuffrè 2010; p.2561).

Il-principju konsagrat fl-Art. 562, skond liem min hu tenut jiggudika ghandu l-obbligu jaghmel hekk "iuxta allegata et probata", jimporta illi d-decizjoni emessa tkun mehuda unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet pruvati, cioè mic-cirkostanzi fattwali u guridici dedotti in fondament ghad-domanda jew ta' l-eccezzjoni, u dejjem mehuda in bazi tal-provi offerti mill-partijiet litigandi. Tali norma hija ntiza biex tassigura d-debitu rispett tal-principji fundamentali tad-difiza u tal-kontradittorju, u timpedixxi li parti tissubixxi decizjoni bazata fuq fatti ghaliha injoti jew skonoxxuti in relazzjoni ma' liema l-istess parti ma setghetx tiddefendi ruhha jew tesprimi opinjoni jew sottomissjoni dwarhom. Il-principju tad-disponibilità tal-provi ghandu jkun intiz bhala vinkolu ghall-gudikant fl-accertament tal-fatti mressqa mill-kontendenti, fis-sens illi jekk il-partijiet ma joffrux provi diretti ghal tali accertament, il-gudikant ma jistax – fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament – jipprovdi hu stess u jissostitwixxi l-inizjattiva proprja ghall-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha. Huwa ghalhekk li l-ordinament guridiku ihaddan massimi[9] bhal "quod non est in actis non est in mundo",[10] "secundum acta et probata non secundum privatam scientiam"[11] u "non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii".[12] Tali massimi huma riflessi u abbraccjati fid-decizjonijiet, fost ohra, *in re* **Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (Qorti Kummercjali, 10 ta' April, 1995) u *in re* **Michael Debono et v. Joseph Zammit et** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2010).

In kongunta ma' din l-ahhar asserzjoni, hu rilevanti dak affermat minn **Aurelio Scardaccione** ("Le Prove", UTET 1965; §3, p.8) meta jghid illi, "*il giudice nella formazione o preparazione del materiale, che a lui occorre per pervenire alla decisione della controversia, sceglie i fatti su cui giudicare e, nell'operare tale scelta, si avvale solo dell'attività probatoria svolta dalle parti nell'ambito del processo.*" Awtur iehor,

---

[9] Referenza ghal massimi u precetti derivanti mid-Dritt Ruman sehhew ghax, kif maghdud fid-decizjoni *in re* **Dr. Giovanni Messina ed altri v. Com. Giuseppe Galea ed altri** (Prim'Awla, 5 ta' Jannar, 1881 – Decizjoni Nº 122 riportata f'*Kollez*. Vol. IX–308), il-Ligi Rumana kienet, u ghadha, l-"ius comune" (ligi komuni) ta' Malta u "*nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane*". Bhala ezempju fejn saret referenza ghal u applikazzjoni tal-principji mid-Dritt Ruman, ara, *inter alia*, **Vincent Curmi noe v. Onor. Prim'Ministru et noe et** (Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar, 2008); **John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliett et** (Appell Superjuri, 26 ta' Gunju, 2009); **Anthony Caruana & Sons Limited v. Christopher Caruana** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014); **Coleiro Brothers Limited v. Karmenu Sciberras et** (Prim'Awla, 13 ta' Frar, 2014); u **Sebastian Vella et v. Charles Curmi** (Appell Superjrui, 28 ta' Frar, 2014).

[10] *transl*.: dak li mhux ezebit fl-atti processwali, ma jezistix ghall-gudikant.

[11] *transl*.: skond dak mressaq bhala prova/evidenza, u mhux skond dak li jaf personalment il-gudikant.

[12] *transl*.: mhux dak li jaf personalment il-gudikant, izda dak li hu importanti huwa li l-fatt ikun imressaq u imwassal lil min hu tenut jiggudika f'forma u f'manjiera ta' evidenza.

**Carlo Lessona** ("Trattato Delle Prove in Materia Civile", UTET 1927; Vol.I, §45, p.59), jasserixxi li, "*la scienza personale del giudice, da lui già posseduta od acquistata stragiudizialmente intorno ai fatti sui quali si controverte non è legittima fonte di prova, perchè la legge non la contempla; perchè anzi, pel sistema della legge, il giudice non conosce i fatti se non quali glie li presentano le parti*." Dan hu hekk precizament ghax, "*Il giudice, come ben sapiamo, è un terzo che non sa nulla (e nulla deve sapere) dei fatti controversi; nel nostro ordinamento assume anche la veste del pubblico impiegato, cioè di burocrate, per cui egli in linea di principio, oltre ad ignorare i fatti, si limita a svolgere il suo lavoro senza particolari entusiasmi per le vicende riguardanti le parti. In queste condizioni è quanto meno azzardato pensare che il giudice possa con esito proficuo sostituirsi nell'acquisizione delle fonti di prova alle parti, che invece conoscono assai bene i propri affari, sanno come e dove cercare le prove, e rischiano in prima persona* " (*cfr*. **Girolamo Monteleone**, "Manuale di Diritto Processuale Civile" Vol. I, CEDAM 2007; p.269). Riflessjoni ta' dan it-taghlim dottrinali jinsab fid-decizjoni domestici *in re* **Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation**, (Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2005);[13] *in re* **Perit Carmel Mifsud Borg v. Kurt Farrugia** (Appell Inferjuri, 11 ta' Dicembru, 2009);[14] *in re* **F. Advertising Limited v. Simon Attard et** (Appell Inferjuri, 21 ta' Mejju, 2010).[15]

Da parti ta' l-attrici, ma tressqu l-ebda provi dokumentarji u lanqas ma offriet il-verzjoni taghha waqt il-procediment odjern. Apparti dak imfisser fl-att promotur, dak li ghandu t-Tribunal hija solament id-dikjarazzjoni maghmula fil-verbali ta' l-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2018 li tghid li "*Dr. Raphael Fenech Adami qed jipprezenta nota ta' riduzzjoni u jiddikjara illi l-kontestazzjoni da parti tal-Attrici llum il-gurnata hija ghall-ammont ta' EUR1700*" (*a fol*. 27) u n-nota ta' riduzzjoni relattiva ezebita fl-istess udjenza (*a fol*. 28). Infatti, fl-udjenza tal-11 ta' April, 2018 l-avukat ta' l-attrici kien irregistra hekk: "*Dr. Raphael Fenech Adami ghall-Attrici jiddikjara illi qed jistrieh fuq l-atti kif gia' prezentati minnu u li m'ghandux provi - testimonjali u/jew dokumentarji - xi jressaq f'din il-kawza*." (*a fol*. 31)

---

[13] "*tribunal b'funzjonijiet gudizzjarji ma jistax, b'ebda logika u sens ta' gustizzja, jikkampa l-gudizzju tieghu fuq asserzjonijiet gratuwiti, kongetturi bla bazi, jew semplici fehmiet meta dawn ma jsibu l-ebda riskontru fil-konkret tal-provi*."

[14] "*it-Tribunal ghal dawk li huma l-fatti li fuqhom irid jiddeciedi, jridu jirrizultaw mill-atti u l-gudikant ma jistax juza jew jaghmel riferiment ghal fatti, anke jekk huwa personalment ikun jaf bihom, jekk dawn ma jirrizultawx mill-atti tal-kawza*."

[15] "[min hu tenut jiggudika ghandu] *jestraji d-decizjoni tieghu unikament mill-allegazzjonijiet provati, u mhux ukoll minn dak li messu ngieb ghab-bazi tad-domanda u baqa' ma giex offert bi prova konvincenti.*"

Min-naha tal-konvenut, dan xehed fl-udjenza tal-11 ta' April, 2018 u fiha ezebixxa numru ta' *statements* bankarji sabiex juri x'pagamenti kien wettaq *versu* l-attrici. L-i*statements* bankarji minnu ezebiti juru s-segwenti hlasijiet perjodici: *statement* datat 3 ta' Settembru, 2016 li juri depozitu ta' €200.00c (*a fol*. 39); *statement* datat 8 ta' Ottubru, 2016 li juri depozitu ta' €200.00c (*a fol*. 38); *statement* datat 18 ta' April, 2017 li juri depozitu ta' €200.00c (*a fol*. 37); *statement* datat 17 ta' Gunju, 2017 li juri depozitu ta' €200.00c (*a fol*. 36); *statement* datat 2 ta' Settembru, 2017 li juri depozitu ta' €200.00c (*a fol*. 35); *statement* datat 23 ta' Dicembru, 2017 li juri depozitu ta' €200.00c (*a fol*. 34); *statement* datat 27 ta' Frar, 2018 li juri depozitu ta' €200.00c (*a fol*. 33); u *statement* datat 3 ta' April, 2018 li juri depozitu ta' €200.00c (*a fol*. 32). Jidher li tali depoziti sehhew mill-konvenut fil-kont bankarju ta' l-attrici.

L-attrici ressqet in-nota ta' riduzzjoni taghha fis-17 ta' Jannar, 2018 u sa dak l-istadju l-konvenut kien lahaq wettaq sitt (6) pagamenti ta' €200.00c il-wiehed, fl-ammont globali ta' €1,200.00c. Allura, sa dak l-istadju s-somma bilancjali dovuta kienet fl-ammont ta' €1,800.00c. Sussegwentement, il-konvenut wettaq zewg (2) pagamenti ohra fl-ammont komplessiv ta' €400.00c (€200.00c il-wiehed) u allura l-ammont bilancjali gie ulterjorment ridott ghal €1,400.00c.

Ulterjorment, il-konvenut ezebixxa *screenshot* ta' certu messaggi telefonici li ghaddew bejn il-partijiet dwar il-kwistjoni illi – apparti l-kliem ikkulurit ta' l-attrici lill-konvenut fejn titolbu jhallasha dak lilha dovut – hemm minnha konfessat li l-konvenut kien ghaddielha f'idejha l-ammont ta' €400.00c fi flus kontanti.[16]

Dan ifisser li mill-ammont originali ta' €3,000.00c (domandat tramite dawn il-proceduri), il-konvenut hallas €1,600.00c tramite tmien (8) trasferimenti/depoziti bankarji fil-kont ta' l-attrici (dawn sehhew fil-mori tal-procediment odjern) u €400.00c fi flus kontanti direttament f'idejn l-istess attrici (id-data ta' meta dan sehh baqa' injot). Dan kollu jittraduci ruhhu li llum-il gurnata fadal l-ammont bilancjali ta' €1,000.00c li l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici.

Jekk wara l-udjenza tal-11 ta' April, 2018 sal-gurnata ta' l-emissjoni tal-prezenti decizjoni l-konvenut wettaqx pagamenti ulterjuri, dan huwa fatt li jmur lil hinn mill-kompitu ta' dan it-Tribunal stante li l-prezenti pronunzjament hu bazat solament fuq l-

[16] Fil-messaggi hekk skambjati, il-konvenut kien sostna li kien hallasha €600.00c f'idejha, izda l-attrici qaltlu li kienu €400.00c u mhux €600.00c (*vide a fol*. 40).

evidenza rakkolta fl-atti processwali. Ghalhekk, il-prezenti decizjoni sejra tigi bbazata fuq l-ammont bilancjali ta' €1,000.00c fuq deskritta.

Spjanat it-terren fejn l-irwol tal-partijiet gie klassifikat bhala wiehed ta' «kreditur-debitur» u li l-kreditu favur ta' l-ewwel u kontra ta' l-ahhar hu, presentement, fl-ammont ta' €1,000.00c, il-mistoqsija li ghad jifdal li tigi mwiegba hija din: hemm xi obbligu fuq l-attrici li tkompli tithallas l-ammont bilancjali ta' €1,000.00c f'rati mensili ta' €200.00c u ghandu l-konvenut l-jedd li jippretendi li hu jibqa' jhallas tali bilanc f'tali rati sakemm jissalda l-imsemmi bilanc?

Ghandu jkun prezunt illi s-self *brevi manu* moghti lill-konvenut inghatalu f'somma wahda ta' €3,000.00c u mhux bicca bicca jew tramite *installments*. Min-naha l-ohra, id-debitur konvenut sabha konvenjenti li sussegwentement irodd lura l-ammont lilu misluf f'pagamenti mensili f'rati komdi ghalih fuq perjodu ta' zmien. Issa, il-konvenut jistenna li nostante d-domanda gudizzjarja promossa kontrih ghall-hlas, hu jibqa' jissalda d-dejn bl-istess modalità minnu unilateralment maghzula (kif specifikat fl-ittra tieghu fuq imsemmija u kif muri fl-i*statements* bankarji *supra* diskussi).

Fin-nuqqas ta' ftehim xort'ohra bejn il-partijiet dwar modalitajiet u/jew kundizzjonijiet fl-ghoti lura tas-somma mislufa, l-identiku metru ghandu jintuza mal-konvenut ghar-rifuzjoni ta' l-istess (jew ta' dak li fadal). Li kieku kien hemm qbil raggjunt bejn iz-zewg partijiet fejn l-attrici kkoncediet li l-konvenut ihallasha mensilment f'certu ammonti, kieku dik kienet tkun storja ohra. Izda fil-kaz odjern dan ma jirrizultax u ma jidhirx li dik hija l-*forma mentis* wara d-domanda attrici u wara l-posizzjoni taghha f'dawn il-proceduri. Hu maghruf illi l-hlas ghandu jsehh skond it-talba tal-kreditur (attrici) u mhux skond l-ezigenzi ekonomici jew kumditajiet finazjarji tad-debitur (konvenut). L-Art. 1156 Kod. Civ. jghid illi, "*Il-kreditur ma jistax jiġi mġiegħel … jirċievi l-ħlas ta' biċċa mid-dejn, għalkemm dan id-dejn ikun li jista' jinqasam*." Addirittura, skond l-Art. 1159(3) Kod. Civ., "*Jekk il-ħaġa li għandha tingħata bi ħlas hija somma ta' flus … u sew id-debitur kemm il-kreditur ikunu joqogħdu fl-istess gżira, il-ħlas għandu jsir fid-dar tal-kreditur*" u skond l-Art. 1163(1) Kod. Civ., "*L-ispejjeż tal-ħlas ibatihom id-debitur*." Minn tali tlett disposizzjonijiet, tidher ampjament cara l-protezzjoni li l-legislatur patriju jakkordata lill-kreditur di fronti ghad-debitur tieghu (u dan dejjem fin-nuqqas ta' akkordju mod iehor bejn il-kreditur u d-debitur ghax imbaghad, *pacta sunt servanda*). Tali disposizzjonijiet implicitament juru l-posizzjoni alkwantu dominanti tal-kreditur di front ghad-debitu dovut mid-debitur tieghu.

Ghalhekk, ma hemm xejn li legalment jiggustifika l'ghaliex il-konvenut ghandu jiddetta l-modalità tal-hlas lura tad-dejn *versu* l-attrici kreditrici. Bhala korollarju, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, l-attrici ghandha jedd titlob u tirkupra interament dak li baqa' dovut lilha. M'ghandux ikun li debitur, wara li jigi misluf somma ntiera, meta jigi ghar-rifuzjoni, jistenna li hu stess unilateralment jiddetta termini u kundizzjonijiet benefici ghalih peress li dan jissarraf fi pregudizzju lill-patrimonju ekonomiku tal-kreditur.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, ghall-motivi fuq spjegati, jilqa' t-talba attrici u jiddikjara li l-konvenut hu fil-prezent debitur ta' l-attrici fl-ammont bilancjali ta' €1,000.00c, bl-imghax fuq tali ammont jibda' jiddekorri mid-data tas-sejha gudizzjarja permezz ta' l-Avviz tat-Talba (ossia mit-2 ta' Awwissu, 2016), bl-ispejjez tal-prezenti proceduri jkunu a karigu ta' l-istess konvenut.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*